MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 613/2002/1

**Ian Fenech**

**v.**

**Farr Limited, Kurja Arċiveskovili ta’ Malta u Gvern ta’ Malta**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Mejju, 2002 l-attur ippremetta:

"Illi bis-saħħa ta' kuntratt Pubbliku atti Nutar Dottor Marco Burlo, datat 25 ta' Jannar tas-sena 1989, l-attur kien akkwista b'titolu ta' enfitewsi temporanja porzjoni ta' art fabrikabbli magħrufa bħala plot numru 9 formanti parti minn Blokka ta' art magħrufa bl-isem "Tal-Ħarrub" u liema plot hija aċċessibbli minn Triq is-Swieqi kuntrada tas-Swieqi limiti ta' San Ġiljan tal-kejl superfiċjali ta' ċirka tliet mija u tlieta u għoxrin metri kwadri (323m$^2$) konfinanti mix-Xlokk ma' Triq is-Swieqi u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-konċedenti; Dok. A;

"Illi din l-art kienet tinsab preċiżament delinejata u mmarkata fuq pjanta annessa ma' l-istess kuntratt ta' akkwist, liema pjanta qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. B, *oltre* li kienet ukoll tinsab immarkata fuq *site plan* annessa ma' l-imsemmi kuntratt u li wkoll qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;

"Illi l-imsemmi akkwist favur l-attur kien ġie debitament rreġistrat mar-Reġistru tal-Artijiet *oltre* mar-Reġistru Pubbliku ta' Malta kif meħtieġ skont il-liġi; Dok. D;

"Illi skont kuntratt pubbliku ieħor datat 11 ta' Frar, 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, (Dok. E), l-attur xtara d-dirett dominju temporanju u ċ-ċens annwu u temporanju relattiv u mhux revidibbli għaż-żmien li kien għad fadal, u l-proprjeta' assoluta ta' wara bħala libera u franka gravanti d-dar u l-garaxx anness magħha mingħajr numru uffiċċjali iżda bl-isem "Tal-Ħarrub" fi Triq is-Swieqi qabel Swieqi Valley, Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, liema dar u garaxx jinsabu mibnija fuq l-imsemmija plot fuq indikata bħala numru 9 mill-artijiet magħrufa bħala "Tal-Ħarrub", liema plot kienet ġiet akkwistata mill-attur permezz tal-preċitat kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1989;

"Illi anke dan l-akkwist kien ġie debitament reġistrat mar-Reġistru tal-Artijiet *oltre* mar-Reġistru Pubbliku ta' Malta kif meħtieġ skont il-liġi; Dok. F;

"Illi jidher illi s-soċjeta' konvenuta Farr Limited kienet akkwistat b'kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Mario Felice

datat 28 ta' Mejju, 1993 porzjoni ta' art immarkata bħala plot numru 1 mill-istess artijiet ġewwa Swieqi magħrufa bħala "Tal-Ħarruba";

"Illi l-istess soċjeta' konvenuta tippretendi permezz tal-kuntratt ta' akkwist tagħha li l-imsemmi plot numru 1 jestendi fuq parti mill-plots l-oħra kollha formanti din l-Art tal-Ħarruba fuq in-naħa ta' wara tagħhom inkluża dik tal-attur;

"Illi l-kuntratti li permezz tagħhom l-attur akkwista t-titolu assolut fuq l-art tiegħu huma ben ċari u inekwivoki *oltre* li l-art tiegħu tinsab ben indikata u delinejata u ma jagħti lok għal ebda interpretazzjoni alternattiva;

"Dan premess l-attur talab li, għar-raġunijiet premessi, dik il-Qorti:-

"1) Tiddikjara u tikkonferma li l-attur huwa l-proprjetarju assolut tal-art kollha li tinsab deskritta fil-preċitati kuntratti ta' akkwisti tiegħu datati 25 ta' Jannar, 1989 u 11 ta' Frar, 2002 u sa l-estenzjoni u kif ben delinejati fil-pjanti esebiti mal-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1989;

"2) Tiddikjara li l-kuntratt tal-akkwist tas-soċjeta' konvenuta datat 28 ta' Mejju, 1993 ma għandu jkollu ebda effett legali fil-konfront tal-attur u tal-proprjeta' tiegħu partikolarment fejn jirrigwarda dik l-istrixxa ta' art li tiġi fuq in-naħa ta' wara tal-plot tal-attur;

"3) Konsegwentement tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta ma għandha ebda titolu validu fil-liġi fuq kwalsiasi parti mill-art tal-attur li huwa akkwista skont il-kuntratti u pjanti hemm annessi u fuq ċitati; Dok. A sa Dok. F;

"4) Tinnomina okkorrendo Nutar Pubbliku u kuraturi deputati biex jidhru għall-eventwali kontumaċja fuq l-eventwali pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' korrezzjoni fuq l-att tal-akkwist tas-soċjeta' konvenuta.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa qed jiġu nġunti personalment għas-subizzjoni.

"B'nota pprezentata fl-20 ta' Awissu, 2002 Vincent E. Ciliberti bħala Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, amministratur tal-beni tal-entijiet ekklesjastiċi kollha ta' Malta fl-interess tal-Legat taż-Żwieġ Aloisia Borg Bezzina, eċċepixxa:

"Illi d-domanda attriċi hi nsostenibbli fil-konfront tiegħu billi l-kuntratt ta' trasferiment li l-Kurja għamlet tal-art *de qua* kien kuntratt regolari u l-Perit tal-Kurja kien mar fuq il-post u assenja l-punti biex il-bini jsir għal kollox regolari: dan apparti dak li sejjer jingħad fid-dikjarazzjoni ta' hawn taħt.

"Salv eċċezzjonijiet oħra.

"B'nota pprezentata fit-22 ta' Awissu, 2002 id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt bħala rappreżentant tal-Gvern ta' Malta, eċċepixxa:

"1. Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni bl-ismijiet fuq premessi hija nulla *stante* illi *ai termini* tal-Artiklu 181B tal-Kapitlu 12 fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji l-Gvern għandu jkun rappreżentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.

"2. Illi permezz tal-ftehim milħuq bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede l-art mertu tal-vertenza odjerna magħrufa bl-isem "Tal-Ħarrub" ġiet imgħoddija lill-Gvern kif rappreżentat mill-eċċipjent.

"3. Illi l-attur huwa konxju li l-eċċipjent jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta *stante* li fit-2 ta' Novembru, 2000 huwa talab lill-eċċipjent il-fidi taċ-ċens ta' Plot 9 imsemmi fiċ-ċitazzjoni.

"4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

"5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

“B’nota ippreżentata fid-19 ta’ Frar, 2003 is-soċjeta’ konvenuta Farr Limited, eċċepiet:

“Illi l-Kurja Arċiveskovili ta’ Malta u l-Gvern ta’ Malta huma mħarrka ħażin u għalhekk fl-assenza tal-kontraditturi leġittimi l-ġudizzju mhux integru;

“Illi l-azzjoni hija ntempestiva u rritwali billi qabel ma l-attur imexxi fuq it-titolu huwa obbligat jirrintegra lill-eċċipjent fir-rigward tal-ispoll kommess għad-dannu tal-istess eċċipjent;

“Illi qabel xejn l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu biex jirnexxi f’din l-azzjoni;

“Illi l-attur xtara art immarkata u delineata fuq is-sit attwali u l-attur xtara dik l-art hekk immarkata indipendentement minn dak li hemm imniżżel fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt kif ukoll indipendentement mill-kejl dikjarat fil-kuntratt;

“Illi l-attur iddekada minn kwalsiasi azzjoni biex jippretendi art *oltre* dik immarkata fuq is-sit meta sar il-bejgħ, u dan bit-terminu ta’ sentejn stipulat fil-ħmistax-il paragrafu tal-att tal-25 ta’ Jannar, 1989, fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo;

“Illi s-soċjeta’ konvenuta għandha titolu validu għall-art tagħha u jekk jirriżulta mod ieħor l-aventi kawża tiegħu, u *cioe`* l-Amministratur tal-Beni Eklesjastiċi f’Malta huwa responsabbli għal kull eviżjoni li huwa jista’ jsofri mill-istess proprjeta’.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Ottubru, 2008 bil-mod segwenti:

*"Għal dawn il-motivi l-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ħlief għal dak li ser jingħad, tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara l-attur proprjetarju in kwantu għal utile dominju anke tal-istrixxa msemmija (oltre l-kumplament tal-proprjeta' li hija libera u franka) u tiddikjara li l-kuntratt tal-akkwist tas-soċjeta' konvenuta Farr Limited tat-28 ta' Mejju, 1993 għandu l-effett legali fir-rigward tad-dirett dominju fir-rigward ta' din l-istrixxa u għalhekk li l-istess soċjeta' konvenuta Farr Limited hija proprjetarja tad-dirett dominju tal-istess strixxa, it-tnejn li huma bl-obbligazzjonijiet u drittijiet kollha naxxenti mill-kuntratt in atti Nutar Marco Burlo tal-25 ta' Jannar, 1989; tordna li jsir l-att korrettorju kif spjegat li għandu jiġi pubblikat fl-edifiċċju tal-Qorti f'jum li jiġi ffissat fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet u li għandu jiġi pubblikat min-Nutar Analise Micallef li qed tiġi nominata għal dan l-iskop flimkien ma' l-Avukat Dottor Norma Vella bħala kuratur tal-kontumaċi.  L-ispejjeż tal-kawża fiċ-ċirkostanzi ikunu bla taxxa; dawk tal-att korrettorju f'ishma indaqs bejn is-soċjeta' konvenuta u l-Kurja.*"

Dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni hawn fuq riportata wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ikkunsidrat;

"Illi l-atturi qed jirreklamaw illi l-art imsemmija fiċ-ċitazzjoni hija proprjeta' tiegħu u li parti minnha li ġiet akkwistata mis-soċjeta' konvenuta permezz ta' kuntratt li sar in segwitu għandha tiġi dikjarata tiegħu u li allura l-istess kuntratt ma għandu ebda valur fir-rigward tal-istrixxa msemmija.  Is-soċjeta' konvenuta da parti tagħha qed tinsisti li hija akkwistat tajjeb u li allura l-art hija kollha tagħha.  Il-konvenuti l-oħra wkoll ippreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet fejn il-Gvern wara li eċċepixxa li kellu jitħarrek il-Kap tad-Dipartiment irrikonoxxa li l-art li kienet tal-Knisja llum hija tiegħu, irrimetta ruħu għad-deċizjoni tal-Qorti filwaqt li l-Kurja eċċepiet illi l-azzjoni ma hijiex sostenibbli fil-konfront tagħha għaliex il-kuntratt ta' trasferiment kien wieħed regolari u li l-perit tagħha kien mar fuq il-post u assenja l-punti biex il-bini jsir b'mod regolari.

"Illi din hija azzjoni rivendikatorja tipika fejn l-attur qed jitlob li tintradd lura l-art in kwistjoni.

"Hu risaput tradizzjonalment illi f'kawża simili l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubju – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet Borg vs Buhagiar. F'dik il-kawża ntqal illi kwalunkwe dubju għandu *jimmilita favur il-konvenut possessur.* Din hija biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Anthony Mercieca vs Anthony Buhagiar fit-23 ta' Ottubru, 2001 (Onor. Imħallef R. Pace). Fiha ġie ċitat ukoll l-awtur Torrente li qal hekk;

"*La rivendicazione e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma propietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene. L'attore in conformita' delle regole generali, ha l'onere di dimostrare il suo diritto; percio' se l'acquisto non w'a titolo originario. Ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originale. A voler andare all'infinoto, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di probatio diabolica).*"

"Fis-snin reċenti din il-pożizzjoni ċċaqalqet xi ftit tant illi l-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijet John Vella et vs Sherlock Camilleri mogħtija fit-12 ta' Diċembru, 2002 addottat pożizzjoni kemxejn differenti billi qalet illi: "*Il-Qrati tagħna, konsapevoli bid-diffikolta' li ssir tali prova u fl-interess tal-ġustizzja aċċettaw il-possibilta' li l-attur jirnexxi fil-kawża li jagħmel in forza tal-actio publicana.*" Hekk fil-kawża Attard nomine vs Fenech deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1875 (Vol. VII p 390) osservat: "*Che l'azione intentaa dell'atore nel suo libello quale procuratore dell'assente Angelo Zarb e' duplice, la rivendocatoria e la publicana, giusta i principii della leggeromana; colla prima l'attore deve provare di aver il dominio della cosa che vuole rivendicare; colla seconda di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto*

*minore e piu debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto.*" (Ara wkoll Fenech vs Debono – Prim'Awla 14 ta' Mejju, 1935). Għalhekk għalkemm dan l-iżvilupp jista' jissejjaħ reċenti, wieħed josserva li anke iktar minn mitt sena ilu l-Qrati tagħna addottaw dan il-prinċipju.

"F'din il-kawża jidher li l-kwistjoni nqalgħet wara li l-attur akkwista l-*utile* dominju tal-art in kwistjoni. Infatti huwa akkwista l-imsemmi *utile* dominju fil-25 ta' Jannar, 1989. Mal-kuntratt tal-akkwist ġiet esebita pjanta (Dok. B) fejn hija ndikata d-delineazzjoni tal-art. Barra mill-kuntratt saret ukoll ir-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet kif jidher mid-dokumenti esebiti. L-attur fl-affidavit tiegħu a fol 92 qal li huwa kien ikun imsiefer spiss dak iż-żmien u fl-2002 kien feda ċ-ċens gravanti l-art in kwistjoni u dan wara li kien beda jibni fuq l-art. Meta għamel dan żamm fuq il-linja li kien osserva l-ġar tiegħu Edward Cassar. Kien *gia'* lesta l-bini meta fl-1997 ċirka, Cassar infurmah illi huma kellhom dritt jestendu l-parti ta' wara tal-plot *gia'* mibni billi l-proprjeta' tagħhom kienet testendi iktar lura. Għalhekk waqqa' l-ħajt ta' wara u estenda l-binja tiegħu. F'dan l-istadju s-soċjeta' konvenuta pproponiet azzjoni ta' spoll li ġiet deċiża favur tagħha; fil-mori tal-proċeduri odjerni l-attur irrintegraha fil-pussess tal-istrixxa in kwistjoni biex il-kawża setgħet titkompla (verbal tas-seduta tal-21 ta' April, 2004).

"Id-direttur tas-soċjeta' Farr Limited Bernard Farrugia ppreżenta affidavit a fol 187 fejn qal li fl-1989 is-soċjeta' minnu rappreżentata għamlet ftehim mal-Kurja rigward l-art tagħhom li tiġi wara l-plots numru 2 sa 9 u l-istess plots. Is-soċjeta' Farr aċċettat il-markamenti li saru mill-Perit Joseph Saliba għall-Kurja, liema marki saru wara li sar aċċess iffissat mill-istess perit u s-sidien tal-plots. Skont Farrugia ħadd mill-proprjetarji ma oġġezzjona għal kif ġew stabbiliti l-konfini u fil-fatt kulħadd bena skont dawn il-konfini f'sinjal dritt. Il-kuntratt tagħhom sar fl-1993 u dak iż-żmien is-sidien kienu kollha bnew f'linja dritta u allura ma kellhomx inkwiet. Madankollu f'Ġunju 1997 raw li l-plot numru 9, u *cioe`* dik tal-attur, inbniet fuq il-

proprjeta' tagħhom u allura bdew azzjonijiet ta' spoll li fil-konfront tal-attur ġiet deċiża favur tagħhom fl-2001.

"Mid-deposizzjoni tal-Perit Saliba jirriżulta li kien ġie nkarigat mill-Kurja proprju minħabba nuqqas ta' ftehim li nqala' bejn is-soċjeta' Farr u l-proprjetarji tal-plots. Madankollu l-attur ma kienx preżenti għall-aċċess li sar u fil-fatt il-perit meta xehed qal li lill-attur ma kienx jafu (deposizzjoni fil-kawża ta' spoll li ġiet inkorporata f'din il-kawża – fol 137). Huwa ġie mogħti l-ismijiet tas-sidien mill-Kurja u kiteb lil kulħadd. Huwa naturalment għamel l-almu tiegħu biex iwassal li kulħadd ikun kuntent bid-delimitazzjoni li kien ser jagħmel u allura qata' sinjal dritt fuq il-parti ta' wara tal-proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta. Mill-atti jirriżulta li dan sar f'Awissu 1989 (fol 155).

"Fil-fehma tal-Qorti huma importanti ħafna l-minuti u d-dokumenti li ġew esebiti minn Raymond Bonnici f'isem il-Kurja a fol 215 tal-proċess minn fejn tirriżulta ċara l-kronoloġija tal-fatti. Jidher infatti li l-aħwa Farrugia bħala diretturi tas-soċjeta' Farr Limited kienu avviċinaw lill-uffiċċjali tal-Kurja lejn l-aħħar tas-sena 1988 u fit-8 ta' Frar, 1989 fejn l-uffiċċjal inkarigat Tarcisio Mifsud annota illi: "*Bħala ftehim bonarju fuq dawn il-każi huma qed jipproponu li mal-plot li għandhom u li taqa' fuq plot 1 u fuq parti mill-plot 2 tingħatalhom biċċa oħra faċċata ta' ċirka tnax-il pied biex ikunu jistgħu jgħaqqduha mal-plot tagħhom u b'hekk ikollhom żewġ plots u l-plots li ngħataw jersqu dawk it-tnax-il pied u dak li ħa l-plot numru 9 tingħatalu faċċata akbar biex jikkumpensa għat-tul li huwa jkun ser jitlef.*" Allura saret il-laqgħa fuq il-post li fiha l-Perit Saliba mmarka l-plots. Is-sid tal-plot numru 9 huwa appuntu l-attur – li *gia'* kien akkwista l-plot f'Jannar 1989 u allura kwalunkwe transazzjoni fis-sens li huwa kellu jiġi mogħti faċċata akbar biex iċedi l-parti konteża kellha ssir permezz ta' att pubbliku – xi ħaġa li evidentement ma saritx. L-attur kwindi għandu raġun jilmenta li kull ftehim li seta' sar bejn is-sidien l-oħra tal-plots adjaċenti u allura anke kompriża s-soċjeta' konvenuta kien *res inter alios acta* u ma jaffettwa xejn id-drittjiet ta' proprjeta' tiegħu.

"L-attur kwindi huwa proprjetarju kwantu għal *utile* dominju għal dak li akkwista fl-att li ġie pubblikat f'Jannar 1989 bejnu u l-Kurja, u mill-kuntratt u l-pjanta esebita ma hemm ebda dubju li huwa kien akkwista wkoll l-istrixxa art li hija kontiża bejn il-partijiet. Dak li sar wara ma jaffetwah xejn. Il-kumplikazzjoni f'din il-kawża m'hijiex tant din iżda l-fatt li s-soċjeta' konvenuta akkwistat l-art tagħha (li allura nkorporat l-istrixxa *gia'* akkwistata mill-attur kif spjegat) fis-sena 1993 iżda *libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha.* Kif *gia'* spjegat ma setgħetx takkwista l-*utile* dominju tal-istrixxa li dwarha qed issir il-kawża iżda l-venditur (il-Kurja) kien għadu proprjetarju tad-dirett dominju li allura seta' jiġi trasferit. Kwindi strettament għalkemm il-Kurja kienet *gia'* trasferiet l-*utile* dominju tal-istrixxa in kwistjoni u allura ma setgħetx tittrasferixxi l-art kollha libera u franka, hija setgħet tittrasferixxi d-dirett dominju; kwindi meta wieħed jittrasferixxi iktar milli għandu t-trasferiment ma jkunx null kollu iżda biss fejn jirrigwarda l-parti żejda li tkun ġiet trasferita. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti s-soċjeta' Farr Limited, <u>fir-rigward tal-istrixxa *gia'* soġġetta għall-kuntratt tal-1989 illi permezz tiegħu akkwista l-attur, akkwistat biss id-dirett dominju.</u> Dan għaliex l-attur feda ċ-ċens fl-2002 iżda dakinhar ma setax jifdih fir-rigward tal-Kurja iżda fir-rigward tas-soċjeta' Farr Limited.

"Fir-rigward tal-konvenuti l-oħra l-Kap tal-Uffiċju Konġunt eċċepixxa li kellu jitħarrek il-Kap tad-Dipartiment konċernat *ai termini* tal-Artiklu 181B u din l-eċċezzjoni tidher peress illi dan jgħid illi l-Gvern *għandu jkun rappreżentat fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni.* Għandu jingħad illi d-Direttur tal-Uffiċċju Kongunt ippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu debitament u ma nqalgħu ebda problemi fir-rigward u l-Qorti jidhrilha li dawn il-provvedimenti li jindikaw il-mod kif għandu jitħarrek il-Gvern jew dipartiment tiegħu huma l-iktar intiżi biex jiġu evitati sitwazzjonijiet (li ġraw ħafna fil-passat) fejn l-istess Gvern jew id-dipartiment tiegħu jibqa' kontumaċi minħabba ekwivoċi li jistgħu jinqalgħu meta jiġi preżentat xi att kontra l-Istat. Għalhekk filwaqt li n-notifika għandha ssir kif stipulat mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-

provvedimenti fir-rigward għandhom ikunu osservati strettament, il-Qorti ma tħossx li b'daqshekk għandha tiddikjara nulla ċ-ċitazzjoni – *vide* s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet <u>Joseph Galea vs Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet</u> mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2003. Fi kliem ieħor ladarba d-dipartiment indikat ippreżenta l-eċċezzjonjiet kif suppost ma għandu jkun ebda dikjarazzjoni ta' nullita' ladarba ma hemm ebda preġudizzju għall-istess dipartiment konvenut.

"Fir-rigward tal-mertu għalkemm il-konvenuti (*oltre* Farr Limited) ma baqgħalhomx iktar interess fir-rigward tal-proprjeta' in kwistjoni, l-attur għamel sewwa li ħarrikhom ukoll għaliex jistgħu ikunu soġġetti għal xi azzjoni ulterjuri u wkoll għaliex billi ntalab li jsir kuntratt korrettorju għandhom ikunu komparteċipi fih billi kienu parti fl-istess kuntratt (il-Kurja bħala l-proprjetarju dak iż-żmien u l-Gvern bħala proprjetarju odjern)."

**Il-fatti.**

Qabel xejn huwa xieraq li nirrikapitulaw il-fatti li wasslu ghal din il-kawza u kawzi ohra bejn l-istess partijiet u dana billi din il-Qorti hija tal-fehma li hafna fatti li jirrizultaw fil-process jew ma nghatawx importanza jew addirittura gew skartati kompletament.

a) B'ittra tal-25 ta' April, 1988 il-Perit J.A. Saliba ghal Building Consultancy Services Ltd informa lill-Kurja Arciveskovili li, in segwitu ghall-inkarigu lilu moghti, wara li spezzjona l-art fis-Swieqi, huwa kien qasamha f'ghaxar plots ta' madwar tlett qasab faccata. <u>Hemm huwa stqarr li l-konfini tal-ghalqa ma jistghux jigu ffissati b'certezza – billi ma ghadhomx jezistu</u>.

b) Fis-17 ta' Jannar, 1989 it-Taqsima Proprjeta` tal-Kurja kitbet lil Perit Saliba b'informazzjoni dwar l-akkwirenti jew akkwirenti prospettivi tal-*plots* numru 2 sa 9 f'tal-Harrub biex hu jikkomunika maghhom "*biex tkun tista` taghtihom il-punti*". Biss fl-istess ittra talbu lill-perit jikkomunika mal-ufficcju "*qabel tmur biex taghti l-punti"*

biex jitkellmu dwar xi problema li kien hemm pendenti fuq din l-art.

c) B'kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1989 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo, l-attur akkwista minghand il-Kurja Arciveskovili l-utili dominju temporanju ghal zmien hamsa u ghoxrin sena tal-*plot* numru 9 mill-art fuq imsemmija maghrufa bhala "Tal-Harrub" fil-limiti tas-Swieqi tal-kejl, din il-*plot*, ta' tlett mija tlieta u ghoxrin metri kwadri (323m.k.) kif murija fil-pjanta annessa mal-istess att (dok D) u s-Site Plan (dok C) kif awtorizzat skont digriet tal-4 ta' Novembru, 1988 (Fol 221).

d) Jidher li kien hemm xi kwistjonijiet bejn il-Kurja u s-socjeta` Farr Ltd billi din is-socjeta` kienet qed tirreklama l-proprjeta` ta' parti mill-art li l-Perit Saliba kien apporzjona f'ghaxar *plots* ghall Kurja skont istruzzjonijiet li huwa kien ircieva minn ghandha. Dan id-disgwid jidher car mill-ittra li l-istess Perit Saliba kiteb lil Father Edgar Attard tal-Kurja Arciveskovili fit-2 ta' Marzu, 1989 (ezebita a fol 228).

e) Biex tinstab soluzzjoni ghal din id-divergenza fit-8 ta' Frar, 1989 ir-rapprezentanti tas-socjeta` Farr Ltd issuggerew ftehim bonarju billi "*mal-plot li huma ghandhom u li taqa' fuq Plot 1 u fuq parti ta' plot 2, tinghatalhom bicca ohra faccata ta' cirka 12 il-pied biex jkunu jistghu jqabbduha mal-plot taghhom u b'hekk huma jkollhom zewg plots, u <u>l-plots li nghataw jersqu dawk it-12 il-pied u dak li ha l-plot 9 tinghatalu faccata akbar biex jikkumpensa ghat-tul li huwa jkun se jitlef.</u>*" (Ara Minuta nru 62 mill-Estratti tal-Minuti tal-Kurja – fol 216) Din il-kwistjoni tirrizulta wkoll mix-xhieda tal-AIC A. Fenech Vella fol 204).

f) Skont Minuta numru 68 (fol 217) datata 3 ta' Mejju, 1989 u sussegwenti minuti numri 69, 70 u 71 (datati 20/5/89 sal 25 ta' Mejju 1989) jidher li ntlahaq ftehim bejn il-Kurja u Farr Ltd billi l-ahwa Farrugia ghal Farr Ltd (1) iccedu l-*area* mmarkata bl-ahdar (u cioe` dik l-istrixxa art li kienet tifforma parti mill-*plot* numru 2 kif imfassla mill-Perit Saliba liema strixxa kienet proprjeta`

tal-istess socjeta`) li tidher fuq il-pjanta (bla fol numru izda li tinsab qabel id-dokument 69 a fol 230 liema dokument hija pjanta tal-perit Saliba li minn fuqha sar il-ftehim imsemmi biss ma ghandhiex kuluri), u (2) "*jakkwistaw l-area immarkata blu,* (fuq l-istess pjanta bla fol numru) *b'mod li l-Plots taghna* (u cioe` tal-Kurja) *ma jkunux itwal minn 120 pied mill-building line tal-front garden".* Oltre li jhallsu xi somma flus. Din l-*area* tidher fil-pjanta hawn fuq imsemmija.

g) Bis-sahha ta' dan il-ftehim bejn Farr Ltd u l-Kurja fil-11 ta' Awissu, 1989 il-Perit Saliba kiteb lill-attur Ian Farrugia, u lis-sidien l-ohra tal-*plots*, biex jinfurmahom li ser jinzamm access "*to set out the plots*" mill-*plot* numru 2 sal-*plot* 9. Dan l-access inzamm fis-26 ta' Awissu, 1989. Dak inhar, fil-prezenza u bl-approvazzjoni tal-AIC Anthony Fenech Vella, cioe` il-perit tas-socjeta` konvenuta Farr Ltd, saru l-marki fuq l-art bil-konfini tal-*plots* kif miftiehem bejn Farr Ltd u l-Kurja. Dak inhar l-attur ma kienx prezenti billi kien imsiefer. F'dik l-okkazzjoni gara li l-estensjoni tal-*plots* numri 2 sa 9, li ghandu jinghad kienu gia` trasferiti lid-diversi akkwirenti, giet restritta ghal 'fond' ta' 120 pied mill-*building line* kif xtaqet is-socjeta` Farr Ltd biex b'hekk l-*area* immarkata bil-kulur 'blue' retroposta ghall-*plots* imsemmija kif tidher fil-pjanta fuq imsemmija (bla fol numru) giet imnaqqsa mill-*area* tad-diversi *plots* minghajr ma gew rispettati d-diversi "*areas*" tal-*plots* li jissemmew fil-kuntratti partikolari.

h) B'kuntratt tat-28 ta' Mejju, 1993 fl-atti tan-Nutar Mario Felice, is-socjeta` Farr Ltd akkwistat minghand il-Kurja Arciveskovili il-porzjoni numru 1 mill-artijiet maghrufa tal-Harruba, is-Swieqi tal-kejl ta' 530 metru kwadru liema porzjoni diviza ta' art "*tidher imberfla bil-kulur ahmar fuq pjanta tal-perit Joseph Saliba*" annessa bhala Dok D u murija fuq *survey sheet*. Kopja ta' din il-pjanta li turi l-hekk imsejjha *Plot* Numru 1 trasferita lis-socjeta` Farr Ltd tinsab annessa ma' ittra mibghuta minn R. Bonnici – Property Manager tal-Kurja Arciveskovili – lil *Joint Office* datata 6 ta' April, 1998 u li jinsabu a fol 240 u 241 tal-process.

i) L-attur beda jizviluppa l-*plot* tieghu fl-1995 wara li kien ottjena l-permessi relattivi fis-sena precedenti u f'dan l-isvilupp l-hajt ta' wara tal-gnien ittella' fl-istess linja mal-bini adjacenti u fuq il-marka taz-zebgha li kienet saret mal-art minn xi hadd aktarx imqabbad mill-Kurja. (Fol 93) Dan x'aktarx kien il-Perit Saliba.

j) Fin-1997 l-attur gie avvicinat minn Edward Cassar, sid il-*plot* adjacenti, u dan infurmah li l-art retroposta ghall-gonna taghhom kienet tappartjeni lilhom ukoll. Wara li l-attur ivverifika dan il-fatt, hu, flimkien ma' Cassar, hattew il-hajt tal-gnien taghhom u bnew hajt aktar lura fuq "*il-linja li kienet tidher bhala proprjeta` taghna fuq il-kuntratti u pjanti rispettivi tal-akkwist.*" Sussegwentement ghal dan kemm l-attur, kif ukoll Cassar, sid il-*plot* numru 9, gew rinfaccati bi proceduri ta' spoll mis-socjeta` Farr.

k) B'kuntratt tal-11 ta' Frar 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, l-attur odjern xtara minghand il-Gvern ta' Malta "*id-dirett dominju temporanju u c-cens annwu u temporanju relattiv u mhux revidibbli ta' mija hamsa u sittin lira (LM165) ghaz-zmien li fadal minn hamsa u ghoxrin (25) sena, dekorribbli mill-hamsa u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (25/1/1989) u wara l-proprjeta` assoluta bhala libera u franka, fuq id-dar u l-garaxx anness maghha ……… mibnija fuq il-plot numru disgha (9) mill-artijiet maghrufa bhala 'Tal-Harrub' ….*"

F'dan il-kuntest l-attur istitwixxa dawn il-proceduri biex jigi stabbilit li huwa l-proprjetarju assolut *tal-art kollha li tinsab deskritta fil-precitati kuntratti ta' akkwist tieghu datati 25 ta' Jannar, 1989 u 11 ta' Frar 2002 u sa l-estensjoni u kif ben delinejati fil-pjanti esebiti mal-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1989.* It-talbiet l-ohra fic-citazzjoni huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

Mill-fatti fuq esposti wiehed jista` jigbed certa konkluzjonijiet billi:

a) Il-pjanta annessa mal-kuntratt tal-25 ta’ Jannar, 1989 meta xtara l-attur, turi l-*plots* trasferiti b’fond li wassal sa linja divisorja – presumibilment hajt tas-sejjieh. Fl-istess hin fuq il-*plot* numru 5 tal-istess pjanta (kopja tinsab annessa a fol 19) hemm indikat in-numru 138’.0” li, din il-Qorti tifehem li jirraprezenta l-fond (tul) ta’ kull *plot*. B’dan kollu fuq l-istess *plot* insibu zewg vleggeg li juru li t-tul ta’ 138’.0” hija t-tul tal-*plot* mil-linja tat-triq sal hajt tas-sejjiegh imsemmi. Haga inverosimili billi din id-distanza hija ferm itwal mill-138’.0” imnizla fil-pjanta.

b) Il-kuntratt tal-akkwist tal-attur jipprecedi dak tas-socjeta` konvenuta. Minn dan isegwi li jekk l-attur ghandu ragun f’dak li qed isostni, allura l-istrixxa art kollha retroposta ghall-*plot* tieghu kif tidher fil-pjanta Dok B (fol 19) tappartjeni lilu in piena proprjeta` in vista tal-kuntratt tal-11 ta’ Frar 2002 meta feda ic-cens. Dan billi l-Kurja fin-1993 qatt ma setghet tittrasferixxi lil Farr Ltd art li hija kienet gia` ittrasferiet lill-attur.

c) Jidher li d-delimitazzjoni tal-konfini tal-*plots* trasferiti lill-attur u l-girien tieghu, saret bhala rizultat ta’ ftehim bejn il-Kurja u Farr Ltd – kumpannija estranea ghall-*plots* numri 2 sa 9 -minghajr konsultazzjoni mal-istess sidien tal-*plots* imsemmija. Din id-delimitazzjoni jidher ukoll li saret minghajr ma gie rispettat il-kejl ossja *area* indikata fid-diversi kuntratti tal-akkwist tad-diversi sidien sid tal-*plots*. Din id-delimitazzjoni jidher li saret biss bhala konsegwenza tal-akkordju li sehh bejn Farr Ltd u l-Kurja biex tigi maghluqa l-kwistjoni li kien hemm bejniethom fuq il-proprjeta` ta’ partijiet mill-art.

d) Illi l-kuntratt tal-11 ta’ Frar, 2002 meta l-attur xtara d-dirett dominju u c-cens relattiv fuq l-art akkwistata minnu fl-1989 ma jghin xejn ghar-resoluzzjoni tal-kwistjoni billi dan ma jitfa’ ebda dawl gdid fuq l-estensjoni tal-*plot*, anzi jorbot kollox ma’ dak li hemm fil-kuntratt tal-25 ta’ Jannar, 1989.

e) Illi l-uniku fatturi certi f’din il-kwistjoni kollha huma (a) l-*area* totali tal-*plot* li giet trasferita lill-attur li skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlo u cioe` *area* ta’ 323

metri kwadri li minnhom 275 metri kwandri huwa kejl fabbrikabbli, u (b) il-wisa' tal-faccata tal-*plot* li fil-pjanta annessa mal-kuntratt tal-akkwist, u anke f'dokumenti ohra, hija indikata bhala 21 pied jew tlett qasab faccata. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-aktar haga gusta u ragonevoli ghas-soluzzjoni tal-vertenza, kienet tkun li jitqabbad espert in materja biex, wara li jiehu in konsiderazzjoni l-faccata ta' 21 pied, jindika fuq l-istess pjanta Dok B a fol 19, sa fejn tasal il-*plot* tal-attur meta tittiehed in konsiderazzjoni l-*area* ta' 323 metri kwadri. Sfortunatament dan l-ezercizzju tant semplici u rikjest fic-cirkostanzi ma sarx u ghalhekk din il-Qorti thossha sprovista minn prova tant mehtiega ghad-determinazzjoni tal-vertenza u ma tara ebda triq ohra hlief li tannulla s-sentenza appellata.

Ghal motivi premessi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex isir dan l-ezercizzju u l-kawza tigi trattata u deciza fid-dawl ta' dawk ir-rizultanzi u fid-dawl ta' dak li nghad hawn fuq.

L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------